MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-3 ta' Diċembru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 296/15LM

**Doerthe Stephanie Rieks (ID No 0064320A)**

**vs**

**Peter Rieks**

**(bil-Passaport Ġermaniż Nr 3564078265)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi **Doerthe Stephanie Rieks** (minn issa msejjħa "l-attriċi") ippreżentat fis-27 ta' Marzu, 2015 fejn ikkonfermat bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*(1) Illi fis-17 ta' Diċembru 2004 ir-rikorrenti Doerthe Stephanie Rieks u l-intimat Peter Rieks, it-tnejn ta' Nazzjonalità Ġermaniża, iżżewwġu f'Hildesheim il-Ġermanja. Ix-xogħol ta' Peter Rieks jikkonsisti billi jaħdem bħala manager f'Hotels appartenenti lill-franchise "Maritim Hotel" grupp ta' albergi. Peter Rieks ġie stazzjonat hawn Malta f'Jannar 2005 u Doerthe Stephanie Rieks telqet ix-xogħol tagħha fil-Ġermanja u ġiet Malta fid-29 ta' Diċembru 2005. Huma għexu flimkien sa Marzu 2012 meta Peter Rieks qal illi ma riedx illi jibqgħu jgħixu flimkien iżjed u Doerthe Stephanie Rieks imbagħad ħarġet minn fejn kienu joqgħodu. Minn dakinhar sallum jgħixu separatament;*

*(2) F'Mejju 2011 fuq is-suġġeriment ta' Peter Rieks, Doerthe Stephanie Rieks kienet – kontra ċertu konsiderazzjonijiet li kellha – daħlet f'joint venture kummerċjali miegħu fejn ipprovdietlu s-somma ta' €70,000 li hija kienet wirtet, sabiex flimkien jixtru proprjetà immobbli f'Malta. Ix-xiri ma kienx sar, u proċeduri jeżistu kontra s-suppost bejjiegħa li ġew imħallsa din is-somma u fil-fatt ukoll ġew imħallsa somom oħra;*

*(3) Ir-rikorrenti Doerthe Stephanie Rieks talbet li din is-somma ta' €70,000 tiġi rimborżata lilha minn Peter Rieks. Peter Rieks aċċetta; u sa Jannar 2014 Peter Rieks kien ġa ħallas akkont is-somma ta' €47,200 li jħalli bilanċ għalhekk ta' €22,800 li kellhom jiġu mħallsa b'rati ta' €900 kull pagament, pagabbli fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar mill-perijodu Marzu 2014 sa Frar 2016 (iż-żewġ xhur inklużi), kif jidher mill-kronoloġija ta' fatti (Dok A); mill-aċċettazzjoni da parti ta' Peter Rieks datat 23 t'Awwissu 2012 (Dok B); rendikont ta' ħlas magħmul, bl-ammonti dovuti (Dok Ċ);*

*(4) Illi mis-suespost jirriżulta li Doerthe Stephanie Rieks hija kreditriċi ta' Peter Rieks fl-ammont totali ta' €22,800, u Peter Rieks m'onorax il-*

*ħlasijiet ta' tlettax (13)-il skadenza, kull waħda ta' €900, li ġew dovuti mill-perijodu Marzu 2014 sa Marzu 2015, għalhekk total ta' €11,700.*

*Jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija m'għandhiex:*

*(1) Tiddikjara illi Peter Rieks huwa debitur ta' Doerthe Stephanie Rieks;*

*(2) Tiddikjara li minn din is-somma Peter Rieks kellu jħallas pagamenti mensili ta' €900, liema pagamenti ġew dovuti fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar mill-perjodu ta' Marzu 2014 u sussegwenti;*

*(3) Tikkundanna lil Peter Rieks iħallas lil Doerthe Stephanie Rieks is-somma ta' €11,700 rappreżentanti tlettax (13)-il skadenza ta' €900 kull waħda, li sallum ġew dovuti i.e. għall-perjodu Marzu 2014 sa Marzu 2015 iż-żewġ xhur inklużi.*

*Bl-imgħaxijiet ta' 8% dovuti mid-data meta l-iskadenzi ġew dovuti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċċjali tas-16 ta' Diċembru 2014 kontra Peter Rieks.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Peter Rieks** (minn issa "il-konvenut") ippreżentata fit-30 t'April 2015 fejn eċċepixxa s-segwenti:

*(1) Preliminarjament, din hija azzjoni bejn żewġ miżżewwġin, u għalhekk l-azzjoni per se hija insostenibbli peress li għajr kawża ta' separazzjoni l-miżżewwġin ma jistgħux jagħmlu kawżi kontra xulxin speċjalment sabiex wieħed minnhom jiġi ddikjarat kreditur tal-ieħor u dana peress illi:*

*(i) il-partijiet għandhom il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom u dana kif jipprovdi l-Artikolu 1316(2) tal-Kapitolu 16 et seq;*

*(ii) għadhom sallum mhux separati;*

*(2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-flejjes li l-attriċi qiegħda titlob mingħand l-esponenti għaddew għand terzi, u hija għandha dritt tiġborhom mingħand it-terzi u mhux mingħand l-esponenti;*

*(3) Illi jrid isir il-kjamat in kawża tat-terz li għandu għaddew il-flus in kwistjoni;*

*(4) Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawża;*

*(5) Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli bil-liġi.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015 fejn ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti mill-attriċi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Settembru, 2015 fejn l-abbli difensuri tal-partjiet iddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u qablu illi l-kawża titħalla għas-sentenza dwarha.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawża, ma tressqux provi għajr id-dokumenti esibiti mill-attriċi, il-fatti esposti fir-rikors ġuramentat tagħha, u dawk esposti fir-risposta ġuramentata tal-konvenut. Jidher li sostanzjalment fuq il-fatti ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, paragrafu D.3 (fol. 26) stqarr "illi huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assenjazzjoni tad-debiti bejn il-miżżewwġin, hija kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)". Din l-affermazzjoni li ma ġietx kontradetta, almenu mhux espliċitament, fin-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-attriċi. Din l-istqarrija mhix sempliċi osservazzjoni jew sottomissjoni, imma vera u proprja eċċezzjoni. Qajla hemm bżonn jiġi mfakkar li mhux kull eċċezzjoni tista' titqanqal f'kull waqt tas-smigħ tal-kawża meta hekk jidhirlu l-konvenut; u li eċċezzjoni għandha titqanqal formalment fin-nota tal-eċċezzjonijiet – u biss bil-permess tal-Qorti - jew meta jkun il-każ, f'nota t'eċċezzjonijiet ulterjuri u mhux f'nota ta' sottomissjonijiet.

Hemm xi sentenzi li jaffermaw li "hu obbligu tal-ġudikant li, meta jiġi biex

jaqta' l-kawża, jeżamina u jivvaluta l-mezzi kollha ta' difiża li l-partijiet ikunu ressqu quddiemu" [ara **Caterina Gerada vs. Avv. Dr. Antonio Caruana**, Appell Ċivili, 28.01.1957 u **Assunta Cassar vs. Dr. Carmelo Zammit nomine,** Appell Ċivili, 04.11.1955]. B'danakollu daqstant ieħor hemm sentenzi li huma tal-fehma kuntrarja: "eċċezzjonijiet formali m'għandhomx jingħataw f'Nota tal-Osservazzjonijiet imma bil-mod formali proċedurali" (**Emmanuele Busuttil vs. Francesco Mercieca**, Appell Inferjuri, 15.04.1950). Jissokta allura jingħad illi "meta eċċezzjoni ma tiġix mogħtija formalment qisha m'hijiex quddiem il-Qorti u l-Qorti mhix tenuta tiddeċidieha" (**Maria Debono vs. Dolores Portelli**, Appell Ċivili, 22.10.1954 u **Tommaso Sammut vs. Carmela Farrugia et,** Prim'Awla, Qorti Ċivili, 19.10.1954).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk tittieħed il-linja li eċċezzjonijiet bħal dawn jiġu kkunsidrati, iridu jiġu rispettati il-prinċipji fontamentali tal-*audi alteram* partem u dak tal-*equality of arms.* Għalhekk, trid tingħata opportunità lill-kontro-parti tirribatti, anke okkorrendo billi tressaq il-provi, għaliex altrimenti tkun ġiet sorpriża b'eċċezzjoni fl-aħħar tal-kawża (jew xi stadju tagħha, bħalma huwa dan il-każ) f'mument fejn hi tkun għalqet il-provi tagħha u forsi wkoll tkun diġà ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet jew inkella ttrattat oralment il-veduti tagħha.

Illi kif diġà aċċennat, apparti l-kwistjoni jekk kellhiex l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* titqanqal formalment jew le, hemm il-kunsiderazzjoni l-oħra tal-preklużjoni, iġifieri jekk setgħetx titqanqal f'dan l-

istadju, inkella kellhiex titqajjem fil-bidu tal-kawża, ossia *in limine litis.* Din l-eċċezzjoni hija waħda dilatorja billi jekk tintlaqa', l-attur ikun jista' jiftaħ il-kawża mill-ġdid quddiem il-Qorti kompetenti. Sa żminijiet riċenti, kien jitqies li jekk il-konvenut ma jqanqalhiex fil-bidu tal-kawża, ikun irrinunzja għall-eċċezzjoni. F'**Emanuel Lawrence Vella fil-kwalità tiegħu ta' Amministratur tal-eredità ta' Natalizia Magri vs. Bernardina armla ta' Joseph D'Amato** (Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri 28.10.1994), il-Qorti kkwotat lil Sir Antonio Micallef, *Trattato della Procedura Civile, Primo Tomo, p.199* li kiteb hekk: "L'eccezione però d'incompetenza relativa nelle cause ordinarie dev'essere proposta prima della contestazione della lite per non farse presumere prorogate la giurisdizione del giudice". Iżda sentenzi li ngħataw wara attakkaw dan il-prinċipju u ddeċidew li billi din l-eċċezzjoni tista' tiġi mqanqla *ex officio* mill-Qorti, il-konvenut li ma jqanqalhiex fil-bidu tal-kawża mhux bilfors ikun qiegħed jirrinunzja għaliha. F'**Rosina Grima nomine vs. Joseph Vella pro et noe et** – Qorti tal-Appell, 14.04.1997 – sar appell minn sentenza li qieset li l-eċċezzjoni ta' inkompetenza mhux imqanqla fil-bidu tal-kawża kienet irrinunzjata. Il-Qorti tal-Appell qalet li din l-eċċezzjoni kien messha saret *ex officio* mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Hija kkwotat lil **Edward Borg vs. Edward Bartlett** – Qorti tal-Appell, 11.05.1992): "din il-Qorti hija obbligata li tħares u tissalvagwardja f'kull deċiżjoni li tagħti l-Ordni Pubbliku bħal ma hija din il-kwistjoni ta' inkompetenza". Din is-sentenza ġiet iktar riċentement ikkwotata b'approvazzjoni f'**Sea Services Ltd vs. Paul Aquilina et** – Prim'Awla 12.12.2001: "Minkejja li l-eċċezzjonijiet dilatorji għandhom jingħataw fil-bidu tad-difiża, l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti għandha neċessarjament tiġi

sollevata mill-Qorti *ex officio* meta jkun hemm l-estremi tagħha, peress illi din hija kwistjoni li tolqot l-organizazzjoni tal-Qrati u għalhekk għall-isfera ta' ordni pubbliku u li l-Qorti hija obbligata li tħares u tissalvagwardja f'kull deċiżjoni li tagħti, trid bilfors tiġi sollevata u deċiża minnha."

Illi però f'dan il-każ, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae* ma treġix billi dak li qiegħed jiġi eċċepit fil-verità mhuwiex li hemm Qorti oħra, u mhux din il-Qorti, li hija kompetenti biex tisma' il-materja li tifforma s-suġġett ta' dan il-każ imma li l-kawża tista' tinstema' minn sezzjoni differenti **tal-istess Qorti** u ċjoè il-Qorti Ċivili. Din il-kwistjoni ġiet mistħarġa b'mod mill-aktar erudit mill-Maġistrat (issa Mħallef) Anthony Ellul sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża **A vs. B** (Ċitazz Nru. 17/2008) deċiża fid-9 ta' Diċembru, 2008 fejn ġie eċċepit li kienet kompetenti dik il-Qorti iżda fis-Sezzjoni Ġenerali tagħha. Iż-żewġ sezzjonijiet tal-Qorti t'Għawdex huma paralleli għaż-żewġ sezzjonijiet tal-Qorti Ċivili u għalhekk ir-raġunament tal-Imħallef Ellul japplika ugwalment għal din il-Qorti. Huwa ċaħad l-eċċezzjoni iżda ordna li l-kawża tkompli tinstema' mis-Sezzjoni Ġenerali tal-istess Qorti. Il-mertu tal-każ kien dwar nuqqas ta' missier li jindokra u jeduka lil bintu u li għamlilha ħsara psikika:

> "5. Skont **l-Ordni dwar Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili** (S.L. 12.20.), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri hi maqsuma f'żewġ sezzjonijiet:-
>
> (a) Is-Sezzjoni Familja; u
>
> (b) Is-Sezzjoni Ġurisdizzjoni Ġenerali (Regolament 9).

B'applikazzjoni ta' Regolament 4, is-Sezzjoni Familja għandha tiġi assenjata dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri u li għandhom x'jaqsmu ma':-

(a) it-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;
(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;
(c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;
(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u
(e) l-Att dwar is-Sekwestru u Kustodja ta' Minuri.

6. Skont l-istess regolamenti hu r-Reġistratur li għandu jassenja l-kawża lis-sezzjoni *"...skont il-kategorija li kawża tkun taqa' taħtha."* (Regolament 7). Però effettivament dak li qiegħed jiġri fir-realtà hu li l-avukat li jirredigi r-rikors ġuramentat jindika quddiem liema sezzjoni għandha tinstema' l-kawża, u r-Reġistratur jassenja l-kawżi skont dak li jkun ġie dikjarat fir-rikors ġuramentat. Il-kategorija li kawża tkun taqa' taħtha m'hijiex neċessarjament dik li tiġi indikata mill-avukat li jirrediġi l-att ġudizzjarju, u r-regolamenti ma jgħidux li r-Reġistratur hu marbut b'dak li jkun ġie dikjarat fir-rikors li bih ikun inbeda l-proċediment. Tant hu hekk li l-istess regolamenti jipprovdu li fejn hemm nuqqas ta' qbil f'liema sezzjoni għandha tiġi assenjata kawza, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Prim'Imħallef li għandu jiddeċidi lil liema sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri hi waħda, li mbagħad hi maqsuma f'żewġ sezzjonijiet skont in-natura tal-kawża. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din il-kawża taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri. Id-dubju hu quddiem liema sezzjoni ta' din il-qorti għandha tinstema' l-kawża. Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex materja ta' kompetenza *ratione materiae*, għaliex il-kawża ġiet preżentata quddiem il-qorti kompetenti (Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri). Għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut m'hijiex ġustifikata. Il-fatt li kawża tiġi assenjata lil sezzjoni u mhux oħra, m'għandha qatt tagħti lok sabiex il-qorti li lilha tiġi assenjata l-kawża tagħti deċiżjoni li m'hijiex kompetenti *ratione materiae* u bil-konsegwenza li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan iktar u iktar meta tqis li skont ir-regolamenti hu d-dmir tar-Reġistratur li jassenja l-kawżi lis-sezzjonijiet differenti ta' qorti, u r-regolamenti jipprovdu x'għandu jsir f'każ ta' nuqqas ta' qbil lil liema sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża.

7. F'kull każ, fil-fehma tal-qorti din il-kawża ma kenitx taqa' fil-kategoriji ta' kawżi li għandhom jinstemgħu mis-Sezzjoni Familja u kellha tiġi assenjata mir-Reġistratur lis-Sezzjoni Ġurisdizzjoni Ġenerali. Kif rajna l-finalità tal-kawża hi l-likwidazzjoni u riżarċiment tad-danni, materja li taqa' taħt it-Tieni Ktieb, Taqsima II tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk ma taqax f'dik il-kategoriji ta' kawżi li għandhom jinstemgħu mis-Sezzjoni Familja.

> Għal dawn il-motivi l-qorti qegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni b'dan li qegħda tordna li l-kawża tkompla tinstema' mis-Sezzjoni Ġenerali ta' din il-qorti."

Illi kif fuq spjegat, is-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili għandha l-materji assenjati lilha minn Regolament 4 tal-iskeda marbuta mal-paragrafu 2(a) tal-Avviż Legali 397 tal-2002 (S.L. 12.20) kif sussegwentement emendat. Għal dak li jirrigwarda Regolament 4(a), l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jittratta – u fil-fatt huwa hekk intitolat – "Fuq il-Persuni" b'kuntrast mat-Tieni Ktieb li jittratta "Fuq il-Beni". Subtitlu I ta' Titlu I tal-Ewwel Ktieb jittratta "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-raġel u l-mara lejn xulxin" iżda dan jagħmlu mil-lat personali, bħad-dmir li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja u jedukaw u jmantnu lil uliedhom, u l-kunjom tal-mara u tal-ulied. Huwa biss l-Artikolu 3A li jitkellem fuq proprjetà - dik tad-dar matrimonjali. Sub-Titlu II ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Jeddijiet u Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa" essenzjalment dwar manteniment. Sub-Titlu III ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Firda Personali" filwaqt li Sub-Titlu IV ta' Titlu I jitkellem "Fuq id-Divorzju". Titlu II jitkellem "Fuq il-Filjazzjoni" u Titolu IV huwa "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri". Imbagħad Regolament 4(b) u (ċ) jittratta dwar Ordnijiet ta' Manteniment; Regolament 4(d) dwar l-Att taż-Żwieġ u Regolament 4(e) dwar l-Att dwar il-Kustodja tat-tfal.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ebda wieħed mill-każijiet assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja ta' din il-Qorti ma japplikaw għall-kwistjoni li għandha quddiemha li tirrigwarda talba għal rimbors ta' somma flus, proprjetà parafernali tal-mara, mingħand żewgha. Għalhekk din il-kawża sewwa tressqet quddiem din is-

sezzjoni tal-Qorti Ċivili.

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

Illi essenzjalment, l-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens li l-miżżewġin, bħalma huma l-partijiet, ma jistgħux jagħmlu kawża kontra xulxin, għajr kawża għal separazzjoni. Għalhekk hija improponibbli kawża fejn wieħed minhom jitlob li jiġi ddikjarat kreditur tal-ieħor, billi hemm fis-seħħ bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenut ikompli jelabora li tali azzjoni tista' ssir biss kemm-il darba tkun ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenut li l-miżżewġin mhux mifrudin ma jistgħux jagħmlu kawżi kontra xulxin jekk mhux kawża ta' separazzjoni. Per eżempju, jistgħu jagħmlu kawża kontra xulxin għall-ħlas ta' manteniment.

Illi infatti hemm disposizzjoni fil-Kodiċi Ċivili – l-Artikolu 1331 – li stranament l-ebda parti m'għamlet aċċenn għaliha u li tittratta proprju t-teħid ta' flus jew oġġetti oħra minn beni parafernali a benefiċċju tal-komunjoni tal-akkwisti:

> "**1331.** (1) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha tagħti lura lill-komunjoni tal-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li parti tista' tkun ħadet mill-akkwisti biex tħallas djun li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1327, kemm-il darba ma turix li l-att kien wieħed vantaġġuż għall-komunjoni jew ikun sar biex jinqdew il-ħtiġiet tal-familja.
>
> (2) **Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha jedd li titħallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li jkunu ttieħdu mill-beni parafernali tagħha** meta

dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

(3) Parti fiż-żwieġ li tkun kreditur tal-komunjoni tal-akkwisti tista' titlob li tingħata beni tal-komunjoni sal-valur tal-kreditu tagħha. Il-ħlas lura mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti jsir l-ewwel billi jingħataw flus, imbagħad mobbli u fl-aħħarnett immobbli.

(4) Dan il-ħlas lura għandu jsir **meta tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti**:

**Iżda l-qorti tista' tawtorizza li kull ħlas lura bħal dan isir, f'data qabel meta l-interessi tal-familja hekk jeħtieġu jew jippermettu."**[1]

Illi għalhekk m'hemmx dubbju li hemm sitwazzjoni li fiha l-liġi tippermetti li ssir talba għall-ħlas lura ta' flus trasferiti mill-assi parafernali lill-komunjoni tal-akkwisti anke qabel ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi tibqa' l-kwistjoni jekk l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni tal-flus trasferiti mill-attriċi lil żewġha tappartjenix lill-komunjoni tal-akkwisti jew le. Huwa l-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid x'jidħol fil-komunjoni u ċjoè: (a) dak kollu li l-partijiet jakkwistaw bil-ħidma tagħhom; (b) frottijiet tal-beni parafernali; (ċ) frottijiet tal-beni tat-tfal soġġetti għall-użufrutt ta' ġenitur; (d) beni akkwistati bi flus jew beni tal-akkwisti; (e) beni akkwistati bi flus parafernali salv jedd għar-rimbors ta' spejjeż; u (f) rebħ bix-xorti.

Skont l-Artikolu 1334(1) tal-Kodiċi Ċivili, "meta l-komunjoni tal-akkwisti… jkunu jeżistu bejn il-miżżewġin, il-beni kollha li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 1320(*a*) sa (f) jew ma jkunux dotali huma parafernali." Li jfisser li l-lista msemmija ta' beni

[1] Emfażi ta' din il-Qorti.

tal-komunjoni hija eżawrjenti u mhux dimostrattiva; u li kull ħaġ'oħra li mhix imsemmija hija parafernali.

Illi l-flus li l-attriċi pprovdiet biex issir *joint venture* kummerċjali ma' żewġha biex jixtru proprjetà immobbli, ma tappartjeni għall-ebda waħda minn dawn il-kategoriji. Il-konvenut kien sempliċiment depożitarju ta' dawn il-flus, sakemm jitħallsu lill-bejjiegħa prospettivi. Li kieku sar ix-xiri, il-proprjetà immobbli kienet possibilment taqa' taħt kategorija "(e)" tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili, anke fl-ipotesi li dawn il-flus effettivament għaddew għand il-bejjiegħa prospettivi.

Madankollu dan hu għal kollox irrilevanti ladarba l-konvenut fil-fatt irrikonoxxa d-debitu tiegħu fir-rigward tal-attriċi meta obbliga ruħu li jirrestitwixxi s-somma inkwistjoni lill-attriċi, kif fil-fatt beda jagħmel tant li diġà kien irrestitwixxa parti sostanzjali sew mis-somma oriġinarjament mgħoddija lilu mill-attriċi. F'dan kollu, il-komunjoni tal-akkwisti ma tidħol imkien. Għalhekk ma kien hemm l-ebda formalità rikjesta, l-ebda impediment legali, u partikolarment l-ebda ħtieġa ta' awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex ir-raġel jirrestitwixxi lill-attriċi s-somma ta' flus inkwistjoni, bħalma kien ikun il-każ li kieku s-somma inkwistjoni daħlet fil-komunjoni tal-akkwisti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tordna t-tkomplija tal-kawża bil-produzzjoni tal-provi dwar il-**

**mertu.**

**L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------